MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2008

Numru 943/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**NAZZARENU BEZZINA**
**OSWALD BEZZINA**
**ADRIAN BEZZINA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Nazzarenu Bezzina ta’ 53 sena’ bin Victor u Rose nee’ Borg imwieled Qormi fi- 9 ta’ April 1955 u joqghod 22 Springrose Triq Censu Busuttil Fgura detentur tal-karta ta’ l-Identita’

b'numru 271055M, Oswald Bezzina ta' 20 sena' bin Nazzareno u Maria Dolores nee' Testa imwieled Pieta' fl-14 ta' Ottubru 1988 u joqghod Springrose Triq Censu Busuttil Fgura detentur tal-karta ta' l-Identita' b'numru 468388M u Adrian Bezzina ta' 26 sena' bin Nazzareno u Maria Dolores nee' Testa imwieled Pieta' fi 12 ta' Frar 1982 u joqghod Springrose Triq Censu Busuttil Fgura detentur tal-karta ta' l-Identita' b'numru 107382M.

Billi gew akkuzati talli fil-15 ta' Awissu 2008 ghal habta ta' 10.30am u diversi hinijiet wara, waqt li kienu fi Triq Censu Busuttil Fgura:-

Bil-hsieb li jaghmlu delitt, urew dan il-hsieb b'atti esterni u taghu bidu ghall-esekuzzjoni ta' delitt u cioe' ta' offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Charles Attard mill-Fgura.

Akkuzati wkoll talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi, kissru il-buon ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied, jew b'mod iehor.

Oswald u Adrian akkuzati wkoll talli fl-istess cirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu il-hajja ta' Charles Attard mill-Fgura f'periklu car hebbew u uzaw arma irregolari cioe' (cinga u frosta) fuq il-persuna tieghu u kkagunawlu hsara fil-gisem jew fis-sahha cioe' ferita ta' natura hafifa skond ma ccertifika Dr V.Agius mill-isptar Mater Dei.

Nazzareno akkuzat talli fl-istess data lok hin u cirkustanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Charles Attard mill-Fgura f'periklu car hebb u uza armi irregolari cioe' (cinga u spanner) fuq il-persuna tieghu u kkagunalu hsara fil-gisem jew fis-sahha cioe' ferita ta' natura hafifa skond ma ccertifika Dr V. Agius mill-isptar Mater Dei.

Nakkuzawh ukoll talli fl-istess jum lok, hin u cirkostanzi ghamel lil Charles Attard mill-Fgura ingurji jew theddid mhux imsemmi band' ohra fil-Kodici Kriminali.

Il-Qorti giet mitlub a sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' Charles Attard mill-Fgura u tapplika l-provedimenti ta' Art. 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok SZ7 u nnutat li l-imputati m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputati fl-ezami taghhhom wiegbu li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

Il-Qorti wissiet lill-imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati reghhu wiegbu li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputati ikkoperaw mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat fil-konfront tal-imputat Nazzareno Bezzina l-artikoli 41, 214, 215, 216, 338(dd), 64(2), 221(1), 339(1)(d) u 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat fil-konfront tal-imputati Oswald Bezzina u Adrian Bezzina l-artikoli 41, 214, 215, 216, 338(dd), 64(2), 221(1) u 339(1)(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputati Nazzarenu Bezzina, Oswald Bezzina, Adrian Bezzina, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputati ammettew fi stadju bikri tal-proceduri, il-fedina penali minima tal-imputat Nazzarenu Bezzina, l-fedina penali netta tal-imputat Oswald Bezzina u l-fedina penali minima tal-imputat Adrian Bezzina u li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-Seduta tallum li l-imputati ikkoperaw mal-Pulizija, tillibera lill-istess imputati Nazzarenu Bezzina, Oswald Bezzina u Adrian Bezzina taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum u inoltre tikkundannna lill-istess imputati Nazzarenu Bezzina, Oswald Bezzina u Adrian Bezzina ghall-piena ta' tlett mija u hamsin Euro (Euro 350) multa kull wiehed.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputati Nazzarenu Bezzina, Oswald Bezzina u Adrian Bezzina b'obbligazzjoni personali ta' mitejn u tnejn u tletin Euro u erba' u disghin centezmi ta' Euro (Euro 232.94) kull wiehed li jzommu l-kwiet ma' Charles Attard u li jzommu l-bonordni pubbliku ma' kulhadd ghal zmien sena milum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputati Nazzarenu Bezzina, Oswald Bezzina u Adrian Bezzina l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------